MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1924/2005

**DHL International Ltd (C 6576)**

**Vs**

**First International Multi Tech Centre**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2005 fejn gie premess illi l-attur kien ipprovda servizz ta' garr fuq struzzjonijiet tal-konvenut liema servizz inghata u baqa ammont dovut ta' mitejn sebgha u hamsin Liri Maltin u erba u disghin centezmu (Lm257.94) li ghadu ma thallasx. Illi l-konvenut kien interpellat biex ihallas u baqa` inadempjenti.

Ghaldaqstant s-socjeta` attrici titlob illi dan t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' mitejn sebgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm257.94) bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-ispejjes u l-interessi u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tas-16 ta' Frar 2006, fejn gie eccepit illi : (a) it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, (b) illi in linea preliminari, l-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikolu 544 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta, (c) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (d) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (e) minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti m'ghandu jhallas xejn lis-socjeta` attrici stante li l-ebda servizz ma nghata favur is-socjeta` konvenut mis-socjeta` attrici.

Sema` x-xhieda u ra d-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici ressqet bhala prova lil Gilbert Grima mill-Accounts Section taghha li pprezenta *statement of account* – Dok GG1, u kkonferma illi dak l-ammont kien ghadu dovut.

Illi mill-istess *statement of account* jidher illi s-somma mitluba hija maqsuma fuq tlett invoices, mill-liema, kopja ta' wahda biss giet esebita. Di piu` jirrizulta illi d-dati ta' l-invoices imorru lura ghas-sena 1995, 1996 u 2000.

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta ressqet zewg xhieda.

Louis Bonnici jghid illi l-invoice (fol 15) datata 30 ta' April 1998 tinsab mmarkata fuq l-*istatement of account* 30 ta' April 2000. Minn naha l-ohra jirrimarka illi l-invoice (a fol 16) tidher minnha nnifisha illi giet mhallsa. Jikkonferma wkoll illi b'referenza ghall-invoice ta' Lm177.50 (fol 15), il-pakkett twassal ghand is-socjeta` konvenuta peress illi thallas d-dazju fuqu.

Alexia Micallef mill-*Accounts Section* tas-socjeta` konvenuta tghid illi s-socjeta` konvenuta ma' taqbilx illi tat struzzjonijiet sabiex isir delivery ta' pakkett a spejjes taghha. Tghid illi meta talbu kopja ta' tali awtorizazzjoni – din qatt ma` wasslet.

Lejn tmiem il-kawza xehed Robert Buhagiar, wkoll rapprezentant tas-socjeta` attrici li esebixxa DOK MF1 – identiku (jew kwazi) ghal Dokument esebit a fol 15 u Dok MF2, *credit note*, li fi kliem l-istess xhud "mhix relevanti ghall-account illi ghandna pendenti f'din il-kawza". Jghid wkoll illi s-socjeta` attrici ma jkollhiex records tal-konferma ta' min ikun ser ihallas l-ispejjes tat-trasport.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi qabel xejn s-socjeta` konvenuta eccepit il-preskrizzjoni fuq tlett provvedimenti tal-ligi separati, ossia l-Artikolu 544 tal-Kap 13, l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 u l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Illi dwar l-ewwel Kap invokat, l-Artikolu 544 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jinnota illi ghalkemm s-socjeta` konvenuta ndikat l-Artikolu tal-ligi, b'dan kollu naqqset milli tindika is-sub-inciz ta' l-istess Artikolu.

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) kif preseduta mill-Imhallef Dr Philip Sciberras fis-sentenza taghha tal-4 ta' Ottubru 2006 fil-kawza 2012/04JR fl-ismijiet **Advanced Telecommunications Systems Co. Limited vs Anthony Calleja** u jaghmel tieghu din l-istess linja ta' hsieb legali.

*A propozitu gie hemmhekk osservat illi "l-eccepita preskrizzjoni biennali mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku bl-indikazzjoni ta' l-Artikolu 2254 (illum Artikolu 2149) tal-Kodici Civili, li f'ben hames incizi distinti jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra… Din il-Qorti, b'ligi, ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata" (Artikolu 2216, fil-prezent*

*Artikolu 2111 tal-Kodici Civili) u m'ghandhiex, ghalhekk, tfittex tara biex tara hix applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car esplicitu minn min jinvokaha (ara Kollez. Vol XXXIII P I p 481; Vol XXXIV P I p 410 u Vol XL P I p 170)";*

*Rigwardata taht dan il-profil, fejn ukoll fl-Artikolu 2148 ghandek ben sitt incizi, din il-Qorti ma tistax hlief tirrigetta l-preskrizzjoni invokata billi, kif formulata, ma tikkorrispondix ghal dak li trid il-ligi u mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tfittex ghal liema wahda mill-azzjonijiet prospettati fil-predett artikolu kien qed jalludi l-appellanti ;*

In linea ma' dan il-hsieb kif mpoggi mill-Qorti ta' l-Appell Civili allura, dan it-Tribunal ma jistghax jasal biex jakkorda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi ta' l-Artikolu 544 tal-Kap 13 kif sollevata mis-socjeta` konvenuta fit-tieni eccezzjoni taghha, u jrid jasal biex jichad tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata.

Illi dwar l-Artikolu 2148 (a) – it-Tribunal ihoss illi dan l-Artikolu tal-ligi mhux applikabbli ghal kaz in ezami.

Invece, huwa applikabbli l-Artikolu 2156(f) citat fir-raba` eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, u fin-nuqqas ta' prova da parti tas-socjeta` attrici ta' xi att li nterrompa l-perjodu preskrittiv hemmek indikat jew prova ta' xi att li ssosspenda l-istess terminu – it-Tribunal sejjer jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16, in kwantu anke illi l-kawza giet intavolata fit-30 ta' Novembru 2005 u fl-aghar ipotesi, l-ahhar invoice (skond Dok GGI !!) iggib id-data 30 ta' April 2000.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` r-raba` eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talba attrici u jiddikjara l-istess talba attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------